# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tas-70 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 21 ta' Marzu 2024 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**70.01 Talba**

70.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**70.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

70.02.01 Is-S.E. infurmat li l-Viċi Sindku kien informa li ma kienx ser jattendi minħabba raġunijiet personali. Il-Viċi Sindku ġie meqjus bħala skużat.

**70.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 69**

70.03.01 Is-Sindku infurmat li min-naħa tagħha emendat biss minuta numru 69.04.15 dwar il-kollaborazzjoni mar-Reġjun Punent biex jittellgħu l-attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa mis-Soċjetajiet tal-Banda tar-raħal. Din l-emenda u l-kumplament tal-Minuti tal-laqgħa numru 69 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Sciberras ippropona u l-Kunsillier Dingli issekonda.

**70.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

70.04.01 Is-Sindku semmiet il-laqgħa li kellha mal-*Accountant* tal-Kunsill, fejn kif ingħatat id-delega mill-membri tal-kunsill, talbitha tirranġa xi figuri fil-Financial Satatments. Id-deficit jidher ċar li huwa kawża ta' flus li l-Kunsill tilef bħal dawk tal-*ARPA* tal-proġett li kien sar fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kif ukoll dawk tal-proġett tal-*Cat Feeders*. Il-*Financial Statements* daħlu fil-ħin filwaqt li l-awditjar għandu jibda mit-Tnejn 25 ta' Marzu 2024. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

70.04.02 Rigward it-*tender* tar-restawr tal-Isptar il-Qadim, is-Sindku infurmat li r-rapport min-naħa tal-Perit tal-Kunsill sabiex ikun jista' jiġi aġġudikat it-tender, huwa lest. Kien hemm qbil li jekk huwa disponibbli wkoll is-Sur Adrian Mifsud, li ħadem fuq id-dokument tat-*tender*, niskedaw il-laqgħa tal-bord tal-aġġudikar għal nhar it-28 ta' Marzu 2024.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council

70.04.03 Rigward ir-*roundabout* tal-Mentna, is-Sindku infurmat li l-*as-builts* mitluba minn Ambjent Malta ġew kollha pprovduti mill-entitajiet konċernati. Jonqos biss xi *clearance* min-naħa tagħhom rigward il-finanzjament tax-xogħol fuq din ir-*roundabout* inkluż l-emblema tal-Kunsill li se tiġi skolpita. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

70.04.04 Is-Sindku infurmat li qed issir il-manutenzjoni meħtieġa fuq it-tappieri tal-ilma /drenaġġ mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Fosthom diġà lestew xi wħud fi Triq il-Parroċċa, u Triq Santa Katerina. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

70.04.05 Rigward il-bankina tal-Pjazza kantuniera ma' Triq San Bażilju, is-Sindku infurmat li reġgħet tkellmet dwarha mas-Segretarju Parlamentari l-Onor Omar Farrugia, għar-raġuni li x-xogħol ta' manutenzjoni fil-Pjazza ġie terminat u l-bankina baqgħet l-istess. Huwa qalilha li se jerġa' jiċċekkja dwarha. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

70.04.06 Is-Sindku infurmat li fi Triq il-Familja Brancati, ġiet identifikat li l-kawża ta' fejn niżlet it-triq ġejja minn problema min-naħa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Infrastruttura Malta qed tikkordina mal-imsemmija Korporazzjoni, fejn din tal-aħħar ser tkun qed terfa' r-responsabiltà ta' dan kollu u ovvjament tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li hemm. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

70.04.07 Rigward id-*deposit bag* li kienet għadha ma ġietx depożitata għaliex intilfet, is-Sindku infurmat li wara li anke s-SE għamlet rapport l-Għassa tal-Pulizija dwar din il-borża, ġejna infurmati li bi żvista, G4S iddepożitaw din il-borża fil-Bank HSBC minflok fil-Bank BOV. Issa ninsabu fil-proċess skond proċeduri sabiex dawn il-flus jiġu depożitati fil-kont tal-Kunsill kif kellu jsir. Is-Sindku kompliet billi semmiet l-*email* li kellha tintbgħat mis-SE lill-*Accountant* tal-Kunsill sabiex tagħti spjega għaliex kellha tinduna daqshekk tard dwar dan il-każ. Is-SE qrat ir-risposta li tat l-*accountant* fejn fost l-oħrajn hija qalet li r-raġuni hija minħabba li ma rċevietx fil-ħin id-dokumentazzjoni li hija talbet mis-SE tal-Kunsill apparti li hi m'għandhix aċċess għas-sistema tal-bank biex issegwi l-*bank statements* għax fid-dover tas-SE li tagħmel dan. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil li tinħareġ *default notice* lill-*Accountant* għax ma wettqitx xogħolha kif suppost kellha tagħmel, se nibqgħu insegwu li l-flus finalment jiġu depożitati fil-kont tal-kunsill, kif ukoll se nitlolbu kumpens lil G4S ta' din is-sitwazzjoni kollha li nqalgħet minħabba żball min-naħa tagħhom. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan kollu.

70.04.08 Is-Sindku infurmat li rċevejna ittra bl-avukat f'isem l-eks Kuntrattur Chris Bonello, li kellu l-kuntratt taż-żamma tal-ġonna pubbliċi fl-Imqabba, fejn qed jgħid li jekk il-kunsill mhux se jħallsu, se jfittixna bil-Qorti. Min-naħa tal-Kunsill weġibnih lura bl-avukati tagħna. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

***Il-Kunsillier Decelis ingħaqad mal-Kunsill fis-6:27 pm.***

70.04.09 Rigward il-post vakanti ta' Assistent Uffiċjali Prinċipali mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, irċevejna applikazzjoni waħda, dik ta' Ms Marilyn Ellul, applikanta eliġibbli anke għall-fatt li preżentement hija għandha l-istess kariga f'Kunsill Lokali ieħor. Ms Ellul ġiet intervistata mill-Bord tal-Għażla, kompost miċ-*Chairperson* Grace Marie Zerafa u ż-żewġ Membri Jonathan Dingli u Owen Sciberras. Il-bord irrakkomanda lil Ms Ellul biex tiġi ngaġġata mal-Kunsill Lokali. Minħabba s-sitwazzjoni preżenti fl-uffiċċju, fejn ninsabu verament *short of staff*, immedjatament wara l-laqgħa tal-bord, saret telefonata lill-Viċi Sindku u lill-Kunsillier Decelis fejn ġew infurmati bid-deċiżjoni tal-Bord. Il-membri tal-Kunsill qablu kollha b'mod unanimu li għandna nipproċedu b'mod immedjat bl-ingaġġ ta' Ms Marilyn Ellul mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' din ir-riaffermazzjoni ta' dak li ġie deċiż f'dan ir-rigward.

70.04.10 Is-Sindku infurmat li fi Triq tas-Sejba fil-parti residenzjali bejn ir-*roundabout* tal-Mentna u Triq il-Madonna tal-Ġilju, hemm żewġ partijiet mit-triq li niżlu u li jinħtieġ li jsirilhom *extensive patching*. Is-SE kompliet li rċevejna stima waħda biss li tammonta għal madwar €2,500 taż-żewġ biċċiet, fejn jinħtieġ ukoll li nkopru l-ispejjeż tal-uffiċjali tal-LESA biex jimmaniġġjaw it-traffiku waqt ix-xogħol imsemmi. Il-membri preżenti qablu li għandu jsir ix-xogħol imsemmi u s-SE se tmexxi bl-ordni tax-xogħol.

70.04.11 Is-Sindku semmiet li peress li wasalna fl-aħħar tal-leġiżlatura, tħoss li m'għandnix napplikaw għal skemi li jkollu jaħdem fuqhom il-Kunsill li jmiss. Madanakollu rigward l-iskema SPI/SCI/05/2024 dwar attivitajiet kulturali temmen li hija xi ħaġa sabiħa li jkollna it-tieni edizzjoni ta' 'Stilel Taħt il-Kampnar' u għaldaqstant tajjeb li napplikaw u nkabbru fuq din l-attività. Fuq din kien hemm qbil unanimu.

70.04.12 Rigward iċ-*charging pillars* reġa' kien hemm diskussjoni sabiex jiġu approvati s-siti fejn jistgħu jiġu installati mill-MEER. Il-postijiet li kien hemm qbil fuqhom huma Misraħ il-Fidwa biswit il-*parking area*, Misraħ Missjoni ż-Żgħira biswit il-ġnien, Triq Ħal Kirkop biswit is-*substaion*, u Triq Ħal Kirkop fil-pjazzetta ta' quddiem iċ-Ċimiterju maġenb il-*BCRS*. Kien hemm qbil ukoll sabiex ma' dawn is-siti, nissuġġerixxu biex issir oħra fi Triq is-Saljatura filwaqt li neliminaw dik proposta għal Triq il-Barrieri.

**70.06 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

70.05.01 Il-Kunsillier Dingli staqsa lis-Sindku biex tispjegalu kif jaħdem eżatt il-*planning gain*. Dan għaliex avviċinah xi ħadd interessat biex jiffirma ftehim mal-Kunsill fuq proġett ta' madwar €113K. Is-Sindku spjegat fid-dettal dwar il-*planning gain* fejn qalet ukoll li dan jaf ikun pjuttost riskjuż kemm għax jaf il-kuntrattur ma jagħtikx ix-xogħol fil-ħin apparti li r-rati tal-ħlas ikunu għoljin, u għalhekk hi temmen li jkun aħjar li l-Kunsill jgħaddi minn proċess ta' tender milli b'*barter*. Wara diskussjoni mill-membri preżenti dwar dan, kien hemm qbil unanimu li m'għandna niffrimaw l-ebda ftehim kif mitlub.

70.05.02 Il-Kunsillier Sciberras staqsa x'sar mit-tabella tal-iskart fis-service road fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-SE spjegat li dik laminated sakemm tasal dik ordnata tal-pjanċa saret, iżda Sciberras qal li din xi ħadd reġa' qalagħha u għadha ma saritx. Is-SE spjegat ukoll li peress li għad m'għandnix kuntratt tat-tabelli u sinjali, il-proċess qed idum iktar għax ikollna nixtru bi *quotations* fejn is-*suppliers* xorta ma jaqdunix fil-ħin għar-raġuni li jagħtu prijorità lil min ikollu kuntratt magħhom. Is-Sindku talbet lis-SE biex tiffolowja x'hemm ordnat u fejn weħel ix-xogħol.

70.05.03 Il-Kunsillier Decelis staqsa għalfejn it-tappieri tal-ilma li saru fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti saritilhom il-manutenzjoni kif suppost, filwaqt li dik ta' Triq Ħal Kirkop k.m. Triq il-Murselli, kemm sempliċiment waddbulha ftit tarmak madwarha. Is-Sindku qalet li hija rċeviet kummenti pożittivi dwar l-imsemmija tappiera, filwaqt li s-SE spjegat li skond il-*Foreman* tal-KSI, huwa qed jagħti prijorità lil dawk it-tappieri li huma sfrundati sew għaliex ikunu jridu jinqalgħu u jinbnew mill-ġdid. Il-kumplament tal-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

70.05.04 Il-Kunsillier Decelis talab *update* dwar il-ħsara li hemm fi Triq il-Familja Brancati fejn is-Sindku infurmatu li din diġà tkellmet fuqha iktar kmieni waqt din il-laqgħa, qabel ma wasal hu.

**70.06 Aġġornament dwar Proġetti**

70.06.01 Dwar il-proġett tal-Mentna is-Sindku infurmat li wasalna verament fl-aħħar ta' dan il-proġett, fejn baqa' biss jitħawwlu 4 siġriet. Hija rringrazzjat lill-Kunsillier Dingli u lill-ħaddiema tal-Kunsill li bis-saħħa tagħhom, il-funtana qed tiffunzjona kif suppost fejn l-ilma bil-klorina mhux ser jikkontamina l-ilma tal-ġiebja li tissaqqa l-bypass minnha.

70.06.02 Relatat mal-proġett tal-Mentna, is-Sindku semmiet korrispondeza ndirizzata lilha u kkuppjatha lill-Kunsillier Sciberras, mingħand is-Sur Noel Galea, li ħasset li kellha tiġi diskussa waqt il-laqgħa. Is-SE qrat il-korrispondenza tas-Sur Galea dwar il-plakek kommemorattivi li tneħħew minn Ġnien tal-Mentna. Is-Sindku spjegat li l-proġett ta' tisbiħ ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti, kien proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007-2013) u li jmur lura għas-sena 2013. Hija fakkret li kien hemm arbitraġġ fuq dan il-proġett għar-raġuni li s-Sur Noel Galea, Sindku tal-Imqabba ta' dak iż-żmien, kien ta direct order b'email, fejn la s-SE u lanqas u l-bqija tal-membri tal-Kunsill ma kienu notifikati dwaru, u kawża t'hekk, il-Kunsill spiċċa kellu jagħmel tajjeb għal somma sostanzjali ta' flus. Minn informazzjoni li għandu il-Kunsill, ladarba għaddew iktar minn 10 snin minn meta ġie implementat il-proġett, il-plakek jistgħu jinbidlu /jitneħħew. Apparti minn hekk, jagħmel iktar sens li jkun hemm plakka waħda biss li tikkomemora l-aħħar proġett li jkun sar u li tkun turi minn fejn ġie iffinanzjat it-tali proġett. Fl-istess ħin, il-Kunsillier Sciberras ippropona u staqsa jekk hemmx lok li l-ġebla eżistenti fejn magħha kien hemm iwaħħla l-imsemmija plakek, għandhix titneħħa u minflokha jsir pedestall tal-ġebel li jkun jikkumplimenta l-*cladding* li sar fil-ġnien u li miegħu tkun tista'

teħel aħjar il-plakka. Wara diskussjoni mill-Kunsillieri preżenti dwar dan, kien hemm qbil unanimu li l-imsemmija ġebla għandha titneħħa u tieħu postha *pillar* tal-ġebel fejn magħha teħel plakka waħda li tikkommemora dan il-proġett ta' tisbiħ li ġie ffinanzjat minn fondi allokati minn skema, li kien applika għaliha l-Kunsill wara li kienet ħarġet mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali – SPI/SCI/09/2022 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali - Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom.

70.06.03 Is-Sindku semmiet il-proġett tal-*Heritage Trail*, fejn is-SE tat *update* dwar il-*perspex* li ser jeħlu fuq l-*istone pillars*, fejn hija għaddiet il-materjal neċessarju lill-*printer* sabiex ikun jista' jaħdem fuq l-*artwork* tal-istess *pillars*. L-*artwork* tad-9 *pillars* żgħar se jkun fih it-titli tas-siti storiċi, *QR Code* abbinat mas-sit elettroniku fejn wieħed se jsib informazzjoni storika dwar is-sit, kif ukoll il-*logos* li juru minn fejn qed jiġi ffinanzjat dan il-proġett; filwaqt li l-4 *pillars* kbar se jkun fihom mappa li tindika fejn jinsabu d-9 siti storiċi flimkien mal-*pillars* iż-żgħar. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

70.06.04 Rigward il-proġett ta' Ġnien Onġi Onġella, is-Sindku infurmat li għadna qed nistennew xi *clearance* min-naħa ta' TM.

**70.07 Ħatra ta' *Assistant Principal***

70.07.01 Dan l-*item* ġie diskuss f'*item 4* ta' din l-Aġenda, u cioè fil-Komunikazzjoni mis-Sindku.

***Fid-9:00pm, peress li kienu għaddew 3 sigħat mil-bidu tal-laqgħa, is-SE staqsiet jekk kienx hemm qbil li l-laqgħa titkompla u dwar dan kien hemm qbil unanimu.***

**70.08 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

70.08.01 Is-Sindku semmiet l-applikazzjoni PA 08500/21 *(Tas-Sejba Recycling Plant, Triq tas-Sejba, Triq il-Parrocca, Sqaq Nru. 1, Mqabba - Proposed garden centre up to 6m in height. Includes soft landscaping, ancillary cafeteria, tree nurseries at level +0, visitor parking for 120 cars and groomer at level -1, ancillary stores at level -2. Includes infilling of quarry.)* fejn nhar l-4 ta' April 2024, il-Kunsill jinħtieġ li jivvota favur jew kontra, waqt il-*Planning Board Meeting*. Wara diskussjoni dwar din l-applikazzjoni, il-Kunsillieri preżenti qablu b'mod unanimu li l-Kunsill għandu jivvota favur dan il-proġett ladarba mhux se jkun proġett li se jaffettwa ħażin la lir-residenti u lanqas lil-lokalità.

70.08.02 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-PA, imtella fuq l-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-SE ippreżentat lill-Kunsillieri, is-Sindku indikat liema fosthom jinsabu fl-istadju fejn il-kunsill jista' jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu. Wara li dawn l-applikazzjonijiet ġew moqrija u diskussi, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill m'għandux joġġezzjona għalihom.

**70.09 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

70.09.01 Rigward il-korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar: SPI/SCI/06/2024 - Tnedija mill-ġdid tal-Community Inclusive Employment Scheme (CIES), kien hemm qbil unanimu li għandna napplikaw għal din l-iskema finanzjarja. Ġie approvat ukoll illi l-Kunsill lest li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li mhux ser ikunu koperti mill-iskema.

70.09.02 Korrispondenza mingħand l-MEER dwar *EV Charging Pillars Identified Sites*, li ġiet diskussa iktar kmieni f'din il-laqgħa fir-4 punt tal-Agenda – Komunikazzjoni mis-Sindku.

70.09.03 Korrispondenza mingħand Infrastruttura Malta dwar Triq il-Familja Brancati, Mqabba, li ġiet diskussa iktar kmieni f'din il-laqgħa fir-4 punt tal-Agenda – Komunikazzjoni mis-Sindku.

70.09.04 Korrispondenza mingħand Ms Marilyn Ellul dwar Vacancy Scale 11-Assistant Principal (Jobsplus Permit No.535/2023), li ġiet diskussa iktar kmieni f'din il-laqgħa fir-4 punt tal-Agenda – Komunikazzjoni mis-Sindku.

70.09.05 Korrispondenza mingħand l-*Accountant* tal-Kunsill dwar id-*deposit bag* mitlufa u mhux depożitata fil-kont tal-Kunsill, li ġiet diskussa iktar kmieni f'din il-laqgħa fir-4 punt tal-Agenda – Komunikazzjoni mis-Sindku.

70.09.06 Korrispondenza mingħand is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija dwar *Opportunity for Collaboration: Fundraising Bike Ride for Puttinu Cares*. Is-SE qrat din il-korrispondenza u wara diskussjoni dwarha, kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti li l-Kunsill għandu jikkollabora mal-imsemmija Soċjetà bl-istess mod li riċentement ikkollabora mas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, u iktar u iktar meta l-attività se ssir, se tkun b'risq *Puttinu Cares*.

70.09.07 Korrispondenza mingħand *Tarxien youth centre library coordinator* dwar Kotba fuq l-Imqabba. Is-SE qrat il-korrispondenza, u l-membri preżenti qablu li għandna nagħtuhom kopja taż-żewġ pubblikazzjonijiet tal-Kunsill – *"Mqabba 4 Walks in a Charming Village'* u 'L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien' sabiex ikunu parti mil-librerija tagħhom.

70.09.08 Korrispondenza mingħand l-AKL dwar *Fire Warden Training* u dwar *First Aid & AED Training Course*. Is-SE infurmat li jekk xi ħadd mill-membri huwa interessat, il-Kunsill irid jiffinanzja t-tali *training/course*. Il-membri preżenti mhux se jattendu għal dan it-taħriġ.

70.09.09 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar il-*Performance Appraisals* tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv u tas-Segretarju Eżekuttiv, li ġew approvati mid-Dipartiment ukoll u għaldaqstant ser ikunu qed isiru l-pagamenti lis-DSE u lis-SE, rispettivament. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

70.09.10 Korrispondenza mingħand l-*Accountant* tal-Kunsill dwar ir-Raba' Kwart tas-Sena 2023, fejn is-Sindku qalet li dan fih l-istess figuri li diġà ġew approvati mil-Kunsill

a fini tal-awditjar. Is-SE infurmat li se tkun qed tibgħat dan ir-rapport finanzjarju lid-Dipartiment kif mitlub. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

70.09.11 Korrispondenza mingħand resident dwar kantuniera li jissuġerixxi li ssir *parking bay* fiha, wara li dan anke ġie mħarrek għax kien ipparkjat fis-sit imsemmi. Il-membri preżenti ma qablux ma' dan is-suġġeriment għal raġuni li skond il-liġi parkeġġ f'kantunieri mhux permess.

70.09.12 Korrispondenza mingħand is-Sur Noel Galea, dwar plakek kommemorattivi li nqalgħu minn Ġnien tal-Mentna, li ġiet diskussa iktar kmieni f'din il-laqgħa fir-4 punt tal-Agenda – Komunikazzjoni mis-Sindku. Is-Sur Noel Galea, ingħaqad magħna sabiex isegwi *life* din il-laqgħa, propju wara li kien diġà ġie diskuss dan is-suġġett, u għaldaqstant, is-Sindku irrepetiet dak kollu li intqal u li ġie deċiż mil-membri preżenti, dwar l-imsemmija plakek.

70.09.13 Korrispondenza mingħand residenti Mqabbin dwar l-istat ħażin u perikoluż li jinsab fih Ġnien Onġi Onġella speċjalment is-*safety flooring* li ħafna minnu inqala' /imbaram bl-elementi. Il-Kunsillieri preżenti ddiskutew dan u qablu li minkejja li huwa impossibbli li jingħalaq l-aċċess totali ta' dan il-ġnien, għandna ndawwru l-*playing equipment* bit-tape u nwaħħlu tabelli dwar il-periklu sabiex it-tali logħob ma jintużax u hekk dak li jkun ma jkollux għalfejn jimxi fuq it-tapit maqlugħ. Kien hemm qbil ukoll sabiex jintalbu *plastic barriers* mingħand id-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**70.10 Ilmenti u Suġġerimenti**

70.10.01 Il-Kunsillier Dingli ressaq suġġeriment f'isem persuna li talbet sabiex tiġi nstallata lampa tat-triq fi Sqaq f'Xagħri l-Imqalleb. Wara diskussjoni dwar dan is-suġġeriment kien hemm qbil unanimu li għandha ssir l-ordni sabiex tiġi nstallata din il-lampa minkejja li kif spjegat is-SE, il-proċess jaf itul speċjalment jekk hemm bżonn li jiġi nstallat arblu tad-dawl ukoll.

70.10.02 Il-Kunsillier Dingli ġibet l-attenzjoni dwar il-periklu li qed toħloq lix-xufiera, it-tabella li tinsab fuq it-*traffic island* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kważi kantuniera ma' Triq Karmenu Ciantar u li tindika fejn qegħdin xi postijiet storiċi. Il-membri qablu li peress li t-triq hija waħda arterja, għandna ninfurmaw lil TM sabiex din it-tabella tinbidel ma waħda iżgħar jew saħansitra titneħħa.

70.10.03 Il-Kunsillier Sciberras ressaq ilment dwar trabijiet minn *crusher* fi Triq tas-Sejba u talab sabiex tintbgħat korrispondenza lill-ERA f'dan ir-rigward. Is-Sindku kompliet li fl-istess korrispondenza, għandu jiġu kkupjat ukoll l-*Environmental Manager* tar-Reġjun Punent. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

70.10.04 Il-Kunsillier Sciberras ressaq ilment dwar il-klieb li qed jiddaħħlu fi Ġnien Missjoni ż-Żgħira, u li qed jitħallew iħammġu fih. Huwa ssuġġerixxa li titwaħħal

**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**L-Imqabba Local Council**

tabella li tgħid li l-klieb mhux permessi ġewwa l-ġnien. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

70.10.05 Il-Kunsillier Decelis ressaq suġġeriment sabiex ir-road hump li hemm installata fi Triq tas-Sejba kważi kantuniera ma' Pjazza Ġublew tad-Djamanti, titneħħa nofsha, għaliex min ikun ġej minn Triq il-Qrendi għal Triq tas-Sejba ma jkollux ċans isuq b'mod eċċessiv u allura din il-parti tar-road hump qiegħda hemm għal xejn. Apparti li qed iżżomm it-traffiku sakemm ix-xufiera jsuqu minn fuqha. Fuq din ma kienx hemm qbil li titneħħa.

**70.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/70**

L-iskeda tal-pagamenti nru 08/70 ġiet approvata unanimament wara li nqata' mil-lista il-pagament lil Nexos, li tniżżel bi żvista, dwar il-lampi l-ġodda ta' Triq Karmenu Ciantar. Il-Kunsillier Decelis ippropona filwaqt li l-Kunsillier Dingli ssekonda.

**70.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

70.12.01 Il-laqgħa ntemmet fid-20:49 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 22 ta' April 2024 fil-5.30 pm.

Konfermati illum it-Tnejn 22 ta' April 2024.

**Grace Marie Zerafa**
**Sindku**

**Valerie Galea**
**Segretarju Eżekuttiv**